# Il-Kappella tal-Kunċizzjoni ta' żmien Pawlu Burlò

*Minn Fredu Debono*



Din is-sena se nittrattaw il-Kappella tal-Kunċizzjoni meta kienet għadha fil-bidu tagħha fi Triq Vitale. Biex stajt nagħmel dan, iltqajt mas-Sinjorina Nena Portelli li qasmet miegħi l-esperjenzi tagħha u anki dawk li għaddewlha l-ġenituri tagħha.

Skond xhieda, din il-kappella kienet diġa teżisti fl-1927 u magħha kien hemm ukoll l-istatwa ż-żgħira tal-Kunċizzjoni li għadna nsibu fil-parroċċa tagħna sal-lum. Din l-istatwa kienet saret bl-insistenza ta' Pawlu Burlo`, u dan għax hu kellu devozzjoni kbira lejn il-Kunċizzjoni, x'aktarx minħabba l-fatt li hu kien jaħdem fit-tarzna ta' Bormla.

F'dan iż-żmien, Pawlu kien kera post fi Triq Vitale, eżatt wara l-knisja u hemmhekk it-tfal tal-inħawi kienu jmorru għad-duttrina, imma l-preċett kien isir fil-parroċċa ta' San Gejtanu. Fil-kappella ta' Pawlu kien isir il-quddies u fl-istess kamra li fiha kien isir il-quddies kien hemm niċċa bl-istatwa tal-Kunċizzjoni li semmejna aktar il-fuq.

Fl-1933 din l-istatwa kien sarilha xi xogħol ta' restawr bi spejjeż tar-residenti. Imbagħad meta kienet lesta kien sar pellegrinaġġ mat-toroq tal-madwar fejn hi kienet merfugħa mill-istess residenti. Għal din l-okkażjoni Triq Vitale (illum Triq Pawlu Burlo`) kienet ġiet imżejna u anki kienet saret festa żgħira. Ftit wara l-1933, Pawlu kera post fi Triq id-Duluri sabiex hu mexxa l-kappella għal hemmhekk (illum insibu lill-Ħamrun Hereos). Iżda ta' min jgħid illi bejn Bieb Numru 14 u Bieb Numru 15, fi Triq Vitale tħalliet niċċa żgħira tal-injam bi statwa tal-Kunċizzjoni fiha. Dan ġara minħabba li n-nies kellhom devozzjoni kbira lejn din l-istatwa, u għalkemm il-kappella ma kinetx għadha f'dik it-triq, xorta waħda kien baqa` jsir ħafna talb u anki jitpoġġew ix-xemgħat quddiemha.



Hekk kif faqqgħet il-gwerra u bdew l-attakki mill-ajru, in-nies tat-triq kienu għamlu wegħda mal-Madonna li jekk ħadd mir-residenti tat-triq ma jmut, kienu se jagħmlu xahar rużarju quddiemha. Fis-27 t'April tal-

1942, għall-ħabta tal-11 ta' filgħodu kien sar attakk mill-ajru u bomba waqgħet fi Triq Vitale u l-Djar Numru 34 u 35 iġġarrfu għal kollox. Mirakolożament ir-residenti kollha kienu laħqu niżlu fix-xelter li kien hemm faċċata. Biex żgur li ma jmut ħadd anki persuna li kienet bil-griżma kienu laħħqu niżżlu hekk kif beda l-attakk. Kawża ta' dan l-attakk il-ġebel li kien waqa` spiċċa biex imblokka d-daħla ewlenija tax-xelter u għalhekk in-nies kellhom joħorġu minn bokka oħra. Kif spiċċat il-gwerra r-residenti żammew kelmthom u għamlu xahar rużarju barra quddiem in-niċċa.




Minħabba f'dan l-attakk din in-niċċa ġarrbet diversi ħsarat u għalhekk kellha tinqala minn mal-ħajt. Hawnhekk inħoloq diżgwid bejn ir-residenti fejn kellha ssir in-niċċa l-ġdida, iżda persuna minn Bormla li kienet ġiet toqgħod fit-triq offriet li tagħmel niċċa oħra mal-faċċata tad-dar tagħha bi spejjeż għaliha. Minnufih inbeda x-xogħol tat-tħaffir fil-ħajt tal-faċċata tad-dar u n-niċċa sabet postha mal-ħajt tad-dar numru 33, fejn għadha hemm sal-lum.

Kif għaddiet il-gwerra r-residenti komplew jiżdiedu u għalhekk beda jinħass il-bżonn ta' knisja akbar għax id-devozzjoni lejn il-Kunċizzjoni kienet kibret ħafna. Sadanittant il-festa fil-kappella kompliet issir fis-sajf mingħajr purċissjoni u minflok hi kienet tispiċċa bil-barka mill-kappillan Dun Nerik Cordina Perez.



†

ITOLBU
GHAR-RUH GHAZIZA TA'
**PAULU BURLO'**
FUNDATUR TA L'ORATORIU
IMACULATA CONCEZZJONI HAMRUN
WARA HAJJA TA 73 SENA
KOLLHA HIDMA
GHAL GID TAT-TFAL TA' L'ORATORIU
U WARA LI GIE IC CONFORTAT
BIS-SAGRAMENTI MQADDSA
HALLA DAN IL WIED TAD-DMUGH
FL' 20 TA' OTTUBRU, 1950
HALLA JIBKU IT-TELFA TIEGHU
LIL MARTU L-ULIEDU
KRABA U HBIEB

Meta mbagħad fl-20 ta' Ottubru 1950 miet Pawlu Burlo` fl-eta` ta' 73 sena, il-kappillan Nerik Cordina Perez ħatar lil Dun Edgar Vella bħala Rettur tal-kappella. Dun Edgar kien qassis żagħżugħ u ċajtier u għalhekk ir-residenti mill-ewwel aċċettawh fosthom. Dun Edgar ta' kuljum kien iqaddes f'din il-kappella. Taħt it-tmexxija tiegħu kemm il-kappella kif ukoll il-festa baqgħu jikbru, iżda Dun Edgar kellu ħolma oħra, dik li jkun hemm knisja akbar.

Ix-xewqa ta' Dun Edgar bdiet titwettaq nhar it-23 ta' Marzu tal-1958 meta

dakinhar kienet tpoġġiet l-ewwel ġebla ta' dik li kellha tkun il-knisja parrokkjali tagħna. Kemm Dun Edgar kif ukoll l-Arċisqof Mikiel Gonzi kienu ħadmu kemm felħu biex din il-knisja nbniet. Ta' kuljum Dun Edgar kien ikun minn ta' quddiem ibiegħ il-biljetti tal-lotterija b'risq il-knisja l-ġdid. Iżda sfortunatament hu ma kellux jara l-ħolma tiegħu ssir realta`, u dan għax hu miet fl-20 ta' Novembru tal-1962. Dun Edgar kien ta' sikwit jiċċajta man-nies u kien jgħidilhom illi dik il-knisja kienet se tkun il-parroċċa l-ġdida tagħhom u fil-verita` hekk ġara. Wara Dun Edgar, kien laħaq Dun Ġużepp Mifsud Bonnici u hu kompla fejn kien ħalla Dun Edgar. Finalment Dun Ġużepp kien sar l-ewwel Kappillan meta din saret parrocca fl-1 ta Jannar tal-1968.

Nagħlaq dan l-artiklu billi nirringrazzja lis-Sinjorina Nena Portelli tal-paċenzja li ħadet biex irrakkontat u wieġbet għall-mistoqsijiet li jien għamiltilha.

**Nixtieq nawgura l-Festa t-tajba lill-parruċċani kollha.**




TWANNY'S BUTCHER

*Jixtieq lill-klijenti tiegħu kollha*
*IL-FESTI T-TAJBA*
*u jkompli jassigurahom minn servizz pront u tajjeb*

27, MANUEL MAGRI STREET, HAMRUN
TEL: 21 240549 MOB: 9988 5965